

32005D0599

L 209/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.8.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-21 ta' Ġunju 2005**

dwar l-iffirmar, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000

(20005/599/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 tiegħu, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi

- (1) Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' April 2004, awtorizza lill-Kummissjoni biex jiftaħ negozjati ma' l-Istati ACP bil-għan li jiġi emendat il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Cotonou"). In-negozjati ġew konklużi fi Frar 2005.
- (2) Il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Cotonou għandu għal-hekk jiġi iffirmat fisem il-Komunità Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku,

minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, flimkien mad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Komunità unilateralmment jew konguntemment ma' Partijiet oħra, li huma mehmużin ma' l-Att Finali, huwa b'dan approvat fisem il-Komunità, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-testi tal-Ftehim u ta' l-Att Finali huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna mogħtija s-setgħa li tiffirma l-Ftehim fisem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar il-21 ta' Ġunju 2005.

*Il-Kunsill**Il-President*

F. BODEN

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif rettifikat bil-ĠU L 385, 29.12.2004, p. 88.